3. It-trasport bit-triq ta' għasafar u ta' fniek domestiċi għal skop ieħor għajr l-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	3. It-trasport bit-triq ta' għasafar ***domestiċi, ta' għasafar ta' speċijiet tal-kaċċa*** u ta' fniek domestiċi għal skop ieħor għajr l-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. es

Emenda 1624
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasport bit-triq ta' għasafar ***u*** ta' fniek ***domestiċi*** għal skop ieħor għajr l-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	3. It-trasport bit-triq ta' għasafar ***domestiċi,*** ta' fniek ***u ta' speċijiet ta' għasafar tal-kaċċa*** għal skop ieħor għajr l-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. en

Emenda 1625
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-annimali terrestri, għajr l-għasafar u ***l-fniek domestiċi***, għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I.	4. ***Jekk ma jkunx kontroproduttiv għall-benesseri tal-annimal ittrasportat, meta wieħed iqis ir-razza u l-forma speċifika ta' trasport,*** l-annimali terrestri, għajr l-għasafar ***domestiċi***, ***il-fniek*** u ***l-ispeċijiet ta' għasafar tal-kaċċa*** għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I***, dment li dan ma jikkompromettix il-benesseri tal-annimal li jkun qed jiġi ttrasportat, filwaqt li jitqies it-tip ta' annimal u l-mezz tat-trasport***.

Or. en

Emenda 1626
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-annimali terrestri, għajr l-għasafar u l-fniek domestiċi, għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I.	4. L-annimali terrestri, għajr l-għasafar u l-fniek domestiċi, għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I***, skont il-faċilitajiet disponibbli (aċċess għal sors ta' ilma, ikel, eċċ.) fil-post fejn tipparkja l-vettura***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-konfigurazzjoni attwali taż-żoni ta' mistrieħ u tal-parkeġġi għal vetturi tqal tal-merkanzija fin-network tat-toroq Ewropew ma tiggarantixxix id-disponibbiltà ta' sorsi ta' ilma u ta' ikel; diġà spiss ikun diffiċli għas-sewwieqa tat-trakkijiet li jsibu post fejn jipparkjaw peress li l-parkeġġi jkunu mimlija.

Emenda 1627
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-annimali terrestri***, għajr l-għasafar u l-fniek domestiċi,*** għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I.	4. L-annimali terrestri għandhom jiġu offruti ilma u għalf f'intervalli regolari, kif stabbilit fil-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. en

Emenda 1628

Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għat-trasport bil-ferrovija, il-paragrafu (1), il-punt (c) ma għandux japplika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1629
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-paragrafi (1) sa (5) ma għandhomx japplikaw għal annimali ttrasportati fi trasport bijosigur għall-finijiet ta' proġett awtorizzat jew għat-tnissil skont id-Direttiva 2010/63/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1630
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-paragrafi (1) sa (5) ma għandhomx japplikaw għal annimali ttrasportati fi trasport bijosigur għall-finijiet ta' proġett awtorizzat jew għat-tnissil skont id-Direttiva 2010/63/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1631
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-paragrafi (1) sa (5) ma għandhomx japplikaw għal annimali ttrasportati fi trasport bijosigur għall-finijiet ta' proġett awtorizzat ***jew għat-tnissil*** skont id-Direttiva 2010/63/UE.	6. Il-paragrafi (1) sa (5) ma għandhomx japplikaw għal annimali ttrasportati fi trasport bijosigur għall-finijiet ta' proġett awtorizzat skont id-Direttiva 2010/63/UE ***jew għal annimali bi status ta' saħħa għoli dokumentat maħsuba għal skopijiet ta' tnissil***

Or. en

Emenda 1632
Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-ħin tal-vjaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 29(1) jista', f'każijiet individwali, jiġi estiż b'sagħtejn fl-interess tal-annimali, billi titqies, b'mod partikolari, il-prossimità tal-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 1633
Markus Ferber

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-ħinijiet tal-vjaġġi skont il-paragrafu 1 kif ukoll skont l-Artikolu 29(2) jistgħu jiżdiedu b'sagħtejn f'każijiet individwali – b'mod partikolari billi titqies il-viċinanza tad-destinazzjoni – fl-interess tal-annimali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandha tinżamm il-possibbiltà eżistenti li, f'każ ta' dewmien mhux previst, il-ħin tat-trasport jiġi estiż b'sagħtejn fl-interess tal-annimali u billi titqies il-viċinanza tad-destinazzjoni (Appendiċi I, Kapitolu V, Nru 18).

Emenda 1634
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-ħinijiet tal-vjaġġi skont il-paragrafu 1 kif ukoll skont l-Artikolu 29(2) jistgħu jiżdiedu b'sagħtejn f'każijiet individwali – b'mod partikolari billi titqies il-viċinanza tad-destinazzjoni – fl-interess tal-annimali.

Or. de

Emenda 1635
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 28	***imħassar***
Il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ għat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija ta' annimali terrestri għall-iskarnar	
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	
3. It-trasport tal-fniek u tal-pollam għall-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi għal dawn l-ispeċijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	

Or. fr

Emenda 1636
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 28	***imħassar***
Il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ għat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija ta' annimali terrestri għall-iskarnar	
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi	

vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.

3. It-trasport tal-fniek u tal-pollam għall-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi għal dawn l-ispeċijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.

Or. en

Emenda 1637
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Pekka Toveri, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Dan-Ştefan Motreanu, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 28	***imħassar***
Il-ħinijiet tal-vjaġġ u l-perjodi ta' mistrieħ għat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija ta' annimali terrestri għall-iskarnar	
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	
3. It-trasport tal-fniek u tal-pollam għall-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi għal dawn l-ispeċijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasport ta' annimali lejn biċċerija jrid ikun permess irrispettivament mid-distanza, dment li r-rekwiżiti kollha tal-benesseri tal-annimali jiġu rispettati bis-sħiħ matul il-vjaġġ. Dan l-approċċ huwa neċessarju biex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' kompetizzjoni inġusta bejn l-operaturi, kif ukoll biex jiġi evitat li jiġu imposti spejjeż addizzjonali mhux ġustifikati fuq il-bdiewa, li jistgħu jiġu mġiegħla jużaw servizzi aktar għaljin minħabba kundizzjonijiet stretti fuq it-trasport ibbażati fuq id-durata jew id-distanza.

Emenda 1638
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1639
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. ro

Emenda 1640
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. it

Emenda 1641
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-iskarnar fil-biċċeriji lokali mhux dejjem ikun possibbli. Mhux qed jiġi kkunsidrat li l-annimali jistgħu jiġu ttrasportati fi trakkijiet tat-tip 2, ippreparati għal trasport fuq distanzi twal. Lanqas ma ġiet ikkunsidrata ż-żieda fid-densità tal-bhejjem f'ċerti żoni.

Emenda 1642
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1643
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda differenza fir-rekwiżiti u fit-tul tal-vjaġġi tat-trasport għall-iskarnar jew għal skopijiet oħra.

Emenda 1644
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1645
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra***.	1. ***It-tul tal-vjaġġ tat-trasport għandu jvarja skont id-destinazzjoni finali tal-annimali: il-post tat-tluq u d-destinazzjoni finali jikkostitwixxu ż-żewġ elementi essenzjali tal-kuntratt tat-trasport bejn it-***

trasportatur u l-klijent tiegħu, kemm jekk dan ikun importatur kif ukoll esportatur. Għalhekk, minn perspettiva kummerċjali, trasportatur jista' jittrasporta l-annimali fi vjaġġi ta' tulijiet differenti skont l-ispeċifiċitajiet tal-ordnijiet (postijiet tat-tagħbija, postijiet ta' ħatt, raggruppament ta' kunsinni, eċċ.) li jkun għamel il-klijent tiegħu.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hawnhekk iridu jitqiesu l-ispeċifiċitajiet marbuta mat-trasport tal-annimali u mal-konfigurazzjonijiet ġeografiċi differenti li jirriżultaw mill-bżonnijiet tal-klijenti tat-trasportaturi f'dak li jirrigwarda t-tagħbija tal-annimali minn post speċifiku biex jitwasslu f'post rikjest.

Emenda 1646
Aurelijus Veryga, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***It-trasport*** ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu ***jsir biss fi vjaġġi qosra***.	1. ***Il-ħin tal-vjaġġ*** ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, ***ma għandux jaqbeż it-12-il siegħa***.

Or. en

Emenda 1647
Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir ***biss fi vjaġġi qosra***.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir ***b'mod li jirrispetta l-***

benesseri tal-annimali filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi u ekonomiċi. Filwaqt li għandhom jiġu evitati vjaġġi twal bla bżonn, vjaġġi twal huma permessi u għandhom jiġu organizzati f'konformità mal-Artikolu 27.

Or. en

Emenda 1648
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi ***vjaġġi qosra***.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li jsiru vjaġġi twal taħt il-qafas attwali jista' jagħmel il-linja bejn skopijiet ta' vjaġġi differenti inqas ċara, u potenzjalment joħloq opportunitajiet biex l-annimali għall-iskarnar jiġu kklassifikati ħażin bħala annimali għat-tnissil. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-eliġibbiltà tat-trasport trid tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ, peress li hemm differenzi sostanzjali bejn l-annimali għall-iskarnar f'kundizzjoni tajba u kategoriji aktar fraġli, bħat-tiġieġ li waslu biex jieqfu jbidu.

Emenda 1649
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss ***fi vjaġġi qosra***.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss ***għal massimu ta' 21 siegħa***.

Or. en

Emenda 1650
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri ***għajr għasafar u fniek domestiċi,*** għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għall-iskarnar għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.

Or. en

Emenda 1651
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra. ***Matul il-perjodi ta' mistrieħ, għandhom jittieħdu miżuri biex it-temperaturi jinżammu fil-meded permessi skont l-Artikolu 31, pereżempju billi jinżammu mixgħulin is-sistemi ta' kontroll tal-klima, jew billi l-parkeġġ isir f'żoni 'l barra mid-dawl tax-xemx dirett.***

Or. en

Emenda 1652
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	1. It-trasport ta' annimali terrestri ***miftumin*** għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra ***ta' mhux aktar minn sagħtejn***.

Or. en

Emenda 1653
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra.	1. It-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi, għall-iskarnar, għandu jsir biss fi vjaġġi qosra ***ta' 8 siegħat jew inqas***.

Or. en

Emenda 1654
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***imħassar***

Or. it

Emenda 1655
Vilis Krištopans, Raffaele Stancanelli, Gilles Pennelle, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1656
Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1657
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li jsiru vjaġġi twal taħt il-qafas attwali jista' jagħmel il-linja bejn skopijiet ta' vjaġġi differenti inqas ċara, u potenzjalment joħloq opportunitajiet biex l-annimali għall-iskarnar jiġu kklassifikati ħażin bħala annimali għat-tnissil. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-eliġibbiltà tat-trasport trid tiġi evalwata fuq bażi ta' każ b'każ, peress li hemm differenzi sostanzjali bejn l-annimali għall-iskarnar f'kundizzjoni tajba u kategoriji aktar fraġli, bħat-tiġieġ li waslu biex jieqfu jbidu.

Emenda 1658
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1659
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2
2023/0448(COM)
Artikolu 28 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata***.	2. ***Jekk, madankollu, xi wieħed mill-punti tat-tagħbija jkun jinsab f'żona skarsament popolata (NUTS 3), huma permessi vjaġġi twal ta' mhux aktar minn 12-il siegħa. Dan il-ħin massimu jista' jiġi estiż sa sagħtejn f'każijiet li fihom il-liġi tobbliga lis-sewwieq jieħu pawżi qabel ma jasal fil-biċċerija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limiti proposti għall-ħin tal-vjaġġ ikollhom impatt serju fuq il-bdiewa f'żoni remoti skarsament popolati fejn huwa impossibbli li jinġabru numru raġonevoli ta' annimali u li wieħed jasal f'biċċerija fil-limitu tal-ħin, jew fejn id-distanza tnaqqas l-għażla tal-biċċerija mill-bidwi u b'hekk ixxekkel il-kapaċità tal-produtturi li jiksbu l-aħjar prezzijiet għall-annimali tagħhom.

L-Att dwar it-Trasport tal-Annimali ma jridx ikun f'kunflitt mad-Direttiva 2002/15/KE dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tal-mistrieħ tas-sewwieq.

Emenda 1660
Aurelijus Veryga, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ***	2. ***Madankollu, jekk xi wieħed mill-punti tat-tagħbija jkun jinsab f'żona skarsament popolata, huma permessi vjaġġi twal ta' mhux aktar minn 12-il siegħa. Dan il-ħin żejjed jista' jiġi estiż b'sagħtejn oħra f'każijiet li fihom is-sewwieq, qabel ma jasal fil-biċċerija, ikun***

twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	***obbligat skont il-liġi li jieħu pawża***.

Or. en

Emenda 1661
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata***.	2. ***Madankollu, jekk xi wieħed mill-punti tat-tagħbija jkun jinsab f'żona skarsament popolata li taqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' NUTS3, huma permessi vjaġġi twal ta' mhux aktar minn 12-il siegħa. Dan il-ħin żejjed jista' jiġi estiż b'sagħtejn oħra f'każijiet li fihom is-sewwieq, qabel ma jasal fil-biċċerija, ikun obbligat skont il-liġi li jieħu pawża***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed journey time limits would seriously impact farmers in sparsely populated and/or remote areas, where it is impossible to collect a reasonable number of animals and reach a slaughterhouse within the time limit, or where the distance reduces the farmer's choice of abattoir thus hindering the producers' ability to obtain optimal prices for their animals. The suggested rules would disrupt many supply chains, potentially causing widespread impact across the EU livestock sector. The authorisation needs to be blanket for the whole area to avoid unnecessary administrative burden. Also, it is against the rules of fair competition to force any farmer to only sell animals to one nearest abattoir, so they must have a choice, even in remote areas. Also, Animal Transportation act must not be in conflict with directive 2002/15/EC on the organisation of the working time of persons performing mobile road transport activities which sets out the rules on when the drivers must take breaks.

Emenda 1662
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ ***twil*** sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata**.**	2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ ***itwal ta' mhux aktar minn 4 sigħat*** sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata***, u f'każ biss li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

Or. en

Emenda 1663
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1***, jew, fil-każ tal-produzzjoni organika ta' dawk l-annimali, iċċertifikati għall-iskarnar għall-iskopijiet ta' produzzjoni organika,*** fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq***, l-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq għandha tiżgura li jkun hemm disponibbli biċċeriji mobbli jew mezzi alternattivi oħra. Fin-nuqqas ta' tali alternattivi***, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata***, abbażi ta' talba debitament ġustifikata mill-organizzatur***.

Or. en

Emenda 1664
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, ***l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal*** vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, ***għandu jkun awtorizzat*** vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.

Or. fr

Emenda 1665
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ***ma tkun tista' tintlaħaq*** l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil ***sal-eqreb*** biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	2. Meta, fl-Unjoni, ***ma jkunx hemm għadd suffiċjenti ta'*** biċċeriji adattati għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil ***sa*** biċċerija ***oħra*** adattata għall-ispeċi ttrasportata.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw flessibbiltà akbar sabiex ir-raħħala f'żoni remoti ma jkunux obbligati jgħaddu l-annimali tagħhom lil operatur speċifiku. Wieħed għandu jqis ukoll li hemm nuqqas ta' biċċeriji disponibbli għal ċerti speċijiet jew tipi ta' annimali (pereżempju tiġieġ eżawriti).

Emenda 1666
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq ***jistgħu*** jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq ***għandhom*** jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.

Or. ro

Emenda 1667
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1 fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.	2. Meta, fl-Unjoni, ma tkun tista' tintlaħaq l-ebda biċċerija adattata għall-iskarnar tal-ispeċi u tal-kategoriji ta' annimali msemmijin fil-paragrafu 1***, jew skarnar għall-iskopijiet ta' produzzjoni organika,*** fi vjaġġ qasir għal post speċifiku ta' tluq, l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal vjaġġ twil sal-eqreb biċċerija adattata għall-ispeċi ttrasportata.

Or. en

Emenda 1668
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punta (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati jitqiesu tajbin għat-trasport f'konformità mal-Anness I, il-Kapitolu I u jkollhom aktar minn 3 xhur;

Or. en

Emenda 1669
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) it-trasportatur jingħata awtorizzazzjoni billi jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II, l-Artikoli 7 u 8;

Or. en

Emenda 1670
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) veterinarju jkun preżenti fil-ħin tat-tagħbija fit-tluq u fil-ħin tal-ħatt fid-destinazzjoni finali.

Or. en

Emenda 1671
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trasport tal-fniek u tal-pollam għall-iskarnar għandu jsegwi r-regoli speċifiċi għal dawn l-ispeċijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tal-Anness I.	***imħassar***

Or. it

Emenda 1672
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq tista' tawtorizza vjaġġ fit-tul sabiex ir-raħħala jkunu jistgħu jibagħtu l-annimali tagħhom fil-biċċerija tal-istruttura tan-negozju li jagħmlu parti minnha, inkluża l-koperattiva tagħhom.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Ir-raħħala li jappartjenu għal struttura ta' negozju, inkluża kooperattiva, għandhom ikunu jistgħu jibagħtu annimali biex jinqatlu fil-faċilitajiet komuni tal-kooperattiva, irrispettivament mid-distanza bejn il-farms tagħhom u l-biċċerija.

Emenda 1673
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta' mistrieħ, it-tmigħ u t-tisqija ta' għoġġiela mhux	***L-ebda trasport*** ta' għoġġiela mhux

miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien u ta’ mħor	miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien u ta’ mħor

Or. en

Emenda 1674
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta’ mistrieħ, it-tmigħ u t-tisqija ta’ għoġġiela mhux miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien ***u ta’ mħor***	Il-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta’ mistrieħ, it-tmigħ u t-tisqija ta’ għoġġiela mhux miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien

Or. en

Emenda 1675
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Matteo Ricci

Proposta għal regolament
Artikolu 29 - titlu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta’ mistrieħ, it-tmigħ u t-tisqija ta’ għoġġiela mhux miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien u ta’ mħor	Il-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta’ mistrieħ, it-tmigħ u t-tisqija ***għat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija*** ta’ għoġġiela mhux miftumin, ta’ ħrejjef, ta’ gidien u ta’ mħor

Or. it

Emenda 1676
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-	***imħassar***

triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8 sigħat.

Or. it

Emenda 1677
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Vilis Krištopans, Valérie Deloge, Tomáš Kubín, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8 sigħat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1678
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela*** mhux miftumin, ***ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8*** sigħat.	1. ***L-għoġġiela, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor*** mhux miftumin, ***iridu, wara vjaġġ ta' 9 sigħat, jingħataw perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa sabiex, jekk il-mezz tat-trasport ma jkunx mgħammar b'sistema ta' għalf approvata skont il-paragrafu 5, ikunu jistgħu jixorbu u jieklu, jekk meħtieġ u jekk l-annimali ma jkunux sejrin għall-iskarnar. Wara dan il-perjodu ta' mistrieħ, ikunu jistgħu jerġgħu jiġu ttrasportati għal 9*** sigħat ***oħra***.

Or. fr

Emenda 1679
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela*** mhux miftumin, ***ta' ħrejjef, ta' gidien*** u ***ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8*** sigħat.	1. ***L-għoġġiela*** mhux miftumin, ***il-ħrejjef, il-gidien*** u ***l-imħor jeħtiġilhom, wara 9 sigħat ta' vjaġġ, jingħataw perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa li jkun biżżejjed b'mod partikolari għalihom biex jingħataw likwidu u jekk ikun meħtieġ għalf. Wara dan il-perjodu ta' mistrieħ, jistgħu jiġu trasportati għal 9*** sigħat ***oħra***.

Or. en

Emenda 1680
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq*** ta' għoġġiela mhux miftumin, ***ta'*** ħrejjef, ***ta'*** gidien u ***ta'*** mħor ma għandux ***jaqbeż it-8 sigħat***.	1. ***It-trasport*** ta' għoġġiela mhux miftumin, ħrejjef, gidien u mħor ma għandux ***jiġi permess minħabba s-suxxettibbiltà tas-sistemi immunitarji immaturi tagħhom, u għalhekk in-nuqqas ta' idoneità għat-trasport***.

Or. en

Emenda 1681
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. ***Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq*** ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux ***jaqbeż it-8 sigħat***.	1. ***It-trasport*** ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux ***ikun permess, f'konformità mar-rekwiżit tal-età minima stabbilit fl-Anness I, il-Kapitolu I***.

Or. en

Emenda 1682
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin ***tal-vjaġġ għat-trasport*** bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8*** sigħat.	1. Il-ħin ***tat-trasport*** bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***l-10*** sigħat.

Or. en

Emenda 1683
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin ***tal-vjaġġ għat-trasport*** bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8 sigħat.	1. Il-ħin ***tat-trasport*** bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8 sigħat.

Or. en

Emenda 1684
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef***,*** ta' gidien ***u ta' mħor ma għandux jaqbeż it-8*** sigħat.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef ***u*** ta' gidien ***għandu jikkonsisti f'massimu ta' żewġ partijiet, li kull waħda minnhom ma taqbiżx id-9*** sigħat. ***Wara l-ewwel 9 sigħat u jekk l-annimali ma jkunux waslu fil-post tad-destinazzjoni finali tagħhom, għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa mingħajr ħatt u, jekk ikun xieraq, l-annimali għandhom jingħataw ilma u nutrizzjoni bħal elettroliti, filwaqt li jitqiesu l-ispeċi tal-annimal, il-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom u r-regoli sanitarji;***

Or. en

Emenda 1685
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Pekka Toveri, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8 sigħat***.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***id-19-il siegħa; wara 9 sigħat ta' vjaġġ, jingħataw perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa li jkun biżżejjed b'mod partikolari għalihom biex jingħataw likwidu u jekk ikun meħtieġ jiġu mitmugħa. Wara dan il-perjodu ta' mistrieħ, jistgħu jiġu trasportati għal 9 sigħat oħra;***

Or. en

Emenda 1686
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8 sigħat***.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***id-19-il siegħa; wara 9 sigħat ta' vjaġġ, jingħataw perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa li jkun biżżejjed b'mod partikolari għalihom biex jingħataw likwidu u jekk ikun meħtieġ jiġu mitmugħa. Wara dan il-perjodu ta' mistrieħ, jistgħu jiġu trasportati għal 9 sigħat oħra;***

Or. en

Emenda 1687
Veronika Vrecionová, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8 sigħat***.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***is-66 siegħa, maqsuma fi tliet segmenti konsekuttivi ta' 21 siegħa, 24 siegħa, u 21 siegħa rispettivament, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-intervalli ta' mistrieħ, tmigħ u tisqija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission's proposal to raise the minimum age for transporting unweaned calves from 2 to 5 weeks, combined with a limitation of transport time to 8 hours, presents significant practical challenges for the sector and could have severe economic consequences.

Currently, farmers lack the capacity to house calves for such extended periods. Substantial investments would be required in infrastructure, as well as increased operational costs linked to energy, feed, veterinary care and labour.

It is therefore proposed to revise the minimum eligible age for transporting unweaned calves for slaughter to 2 weeks, in line with current practice. For calves not destined for slaughter, a journey time of 21 + 24 + 21 hours should be allowed.

Furthermore, provisions on minimum weight should reflect the breed-specific birth weights of calves rather than imposing a uniform threshold, to ensure animal welfare and realistic implementation.

Emenda 1688
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ***ma għandux jaqbeż it-8*** sigħat.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela, mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ***li jistgħu jingarru għal massimu ta' 9*** sigħat***, u wara dan irid ikun hemm perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa mingħajr ħatt qabel ma jerġa' jibda l-vjaġġ għal mhux aktar minn 9 sigħat oħra***.

Or. en

Emenda 1689
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8*** sigħat.	1. Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***id-9*** sigħat ***li warajhom għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa mingħajr ħatt, qabel ma l-vjaġġ***

jitkompla għal massimu ta' 9 sigħat oħra.

Or. es

Emenda 1690
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħin tal-vjaġġ ***għat-trasport*** bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***it-8*** sigħat.	1. Il-ħin tal-vjaġġ bit-triq ta' għoġġiela mhux miftumin, ta' ħrejjef, ta' gidien u ta' mħor ma għandux jaqbeż ***id-9*** sigħat***, u wara dan għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas siegħa mingħajr ħatt qabel ma jerġa' jibda l-vjaġġ għal 9*** sigħat ***oħra***.

Or. en

Emenda 1691
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ***ħalib speċifiku għall-ispeċi jew*** sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu ***tal-vjaġġ*** u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu sostitut xieraq tal-ħalib ***jew ilma bin-nutrijenti*** f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu ***tat-trasport*** u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiċċara li l-ħin tat-trasport tal-annimali mhux miftumin għandu jkun limitat għal 9 sigħat. It-trasportaturi għandu jkollhom flessibbiltà fl-għażla tas-sistema ta' tmigħ, bil-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji ta' approvazzjoni pjuttost milli tapprova s-sistemi direttament.

Emenda 1749
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu ***tal-vjaġġ*** u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu ***tal-ħin tat-trasport*** u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 1750
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu ***pprovduti b'ilma*** ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu ***offruti ilma*** ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu ***tal-ħin*** tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 1751
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ***ħalib speċifiku għall-ispeċi*** jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ***ilma bl-elettroliti*** jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 1752
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu ***pprovduti b'ilma*** ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu ***offruti ilma*** ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 1753
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ***ħalib*** speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ***għalf xieraq*** speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tat-trasport ta' għoġġiela mhux miftumin, biex il-vetturi tat-trasport jiġu mgħammra b'ħalib għat-tmigħ jew sostitut tal-ħalib huwa għali ħafna u joħloq riskji għall-iġjene. Għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' sistemi alternattivi. It-tmigħ tal-ħalib jew ta' sostituti tal-ħalib huwa assoċjat ma' riskju għoli ta' mard gastrointestinali, peress li l-għoġġiela mhux miftumin jirreaġixxu b'mod sensittiv ħafna għal għalf differenti.

Emenda 1754
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela ***mhux miftumin***, il-ħrejjef, il-gidien***, id-driefeġ u l-imħor*** għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela, il-ħrejjef, il-gidien ***u d-driefeġ*** għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

IDEM

Emenda 1755
Emma Wiesner, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti ***b'għalf qabel it-tagħbija skont il-ħtiġijiet speċifiċi għall-ispeċi,*** b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 1756
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati.	4. L-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor għandhom jiġu pprovduti b'ilma ad libitum u għandhom jintemgħu ħalib speċifiku għall-ispeċi jew sostitut xieraq tal-ħalib f'intervalli ta' 9 sigħat li jibdew mill-bidu tal-vjaġġ u irrispettivament mill-mezz tat-trasport li fih ikunu qegħdin jiġu ttrasportati. ***Għandha tiġi stabbilita deroga biex ikun jista' jiġi offrut għalf bl-elettroliti waqt li jkunu fuq id-dgħajsa, minflok sostitut tal-ħalib.***

Or. en

Emenda 1757
Flavio Tosi, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1758
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Vilis Krištopans, Valérie Deloge, Tomáš Kubín, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1759
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1760
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista'	***imħassar***

jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Mhux applikabbli bit-tħassir tal-paragrafu 2.

Emenda 1761
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Maria Walsh, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni ***lill-Kummissjoni*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni ***lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. en

Emenda 1762
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni ***jew lill-Istat Membru rilevanti*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. en

Emenda 1763
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni ***jew lill-Istat Membru rilevanti*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. en

Emenda 1764
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ ***imsemmija fil-paragrafu 2,*** stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni ***lill-Kummissjoni*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni ***lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru*** għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. en

Emenda 1765
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Matteo Ricci

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, ***jista'*** jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. it

Emenda 1766
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ ***imsemmija fil-paragrafu 2***, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.	5. Manifattur ta' sistema ta' tmigħ, stabbilit fl-Unjoni jew, jekk stabbilit f'pajjiż terz, irrappreżentat fl-Unjoni, jista' jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tas-sistema ta' tmigħ.

Or. en

Emenda 1767
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-mezzi tat-trasport, inklużi s-sistemi tat-tmigħ meta jkunu installati f'vettura, għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati immedjatament wara kull trasport tal-annimali jew minn kwalunkwe prodott li jista' jaffettwa s-

	saħħa tal-annimal, u jekk ikun meħtieġ qabel kull tagħbija ġdida tal-annimali, bl-użu ta' diżinfettanti awtorizzati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti;

Or. en

Emenda 1768
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Mhux applikabbli bit-tħassir tal-paragrafu 2.

Emenda 1769
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta'	***imħassar***

tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. fr

Emenda 1770
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Vilis Krištopans, Valérie Deloge, Tomáš Kubín, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1771
Flavio Tosi, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz	***imħassar***

ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1772
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1773
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49,*** tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ***ħalib*** jew sostituti tal-ħalib ***b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem*** u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. ***It-trasportaturi għandu jkollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu dwar it-tip ta' sistema tat-tmigħ li jixtiequ fuq il-vettura. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha*** tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ***ilma,*** jew sostituti tal-ħalib u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1774
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni ***f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema*** ta' tmigħ ***imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm*** evidenza xjentifika u teknika ***li*** s-sistema ***ta' tmigħ tippermetti*** li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor ***abbord*** kollha ***jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew*** sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem ***u fil-livell xieraq ta' iġjene***.	6. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ***li jistabbilixxu kriterji ta' approvazzjoni għas-sistema*** ta' tmigħ ***abbażi ta'*** evidenza xjentifika u teknika ***li tikkonferma li tali*** sistema ***tippermetti*** li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor kollha ***jirċievu*** sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem ***b'iġjene xierqa matul it-trasport***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami konsultattiva msemmija fl-Artikolu 49.***

Or. en

Emenda 1775
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Maria Walsh, Flavio Tosi,

Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni*** għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49,*** tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ***ħalib*** jew sostituti tal-ħalib ***b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem*** u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. ***L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha*** tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ***ilma bl-elettroliti*** jew sostituti tal-ħalib u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1776
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni ***għandha***, ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 49, ***tapprova s-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. Il-Kummissjoni ***jew l-Istat Membru rilevanti għandhom***, f'konformità mal-Artikolu 49, ***japprovaw is-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1777
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***49***, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien***, id-driefeġ u l-imħor*** abbord kollha ***jintemgħu,*** matul il-vjaġġ***, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem*** u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu ***48***, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien ***u d-driefeġ*** abbord kollha ***jiġu pprovduti ilma u nutrizzjoni bħal elettroliti*** matul il-vjaġġ***, filwaqt li jitqiesu l-ispeċi tal-annimal, il-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom*** u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1778
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova ***s-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, ***dment*** li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, ***tiddetermina l-kriterji għall-approvazzjoni tas-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2. ***Għandu jkun hemm previst*** li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1779
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni ***għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, ***tapprova s-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	6. Il-Kummissjoni ***jew l-Istat Membru rilevanti għandhom***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, ***japprovaw is-sistema*** ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1780
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel	6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta' tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta' tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu ***individwalment***, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li

mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta’ iġjene.	taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta’ iġjene.

Or. en

Emenda 1781
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta’ tmigħ imsemmija fil-paragrafu ***2***, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta’ tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b’temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta’ iġjene.	6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta’ tmigħ imsemmija fil-paragrafu ***5***, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta’ tmigħ tippermetti li l-għoġġiela mhux miftumin, il-ħrejjef, il-gidien, id-driefeġ u l-imħor abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b’temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta’ iġjene.

Or. en

Emenda 1782
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta’ tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta’ tmigħ tippermetti li l-għoġġiela ***mhux miftumin***, il-ħrejjef, il-gidien***, id-driefeġ u l-imħor*** abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew	6. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni f’konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistema ta’ tmigħ imsemmija fil-paragrafu 2, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistema ta’ tmigħ tippermetti li l-għoġġiela, il-ħrejjef, il-gidien ***u d-driefeġ*** abbord kollha jintemgħu, matul il-vjaġġ, ħalib jew sostituti tal-ħalib b’temperatura li

sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.	taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

IDEM

Emenda 1783
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 29a
	Approvazzjoni tas-sistemi ta' tmigħ u tisqija
	Kwalunkwe sistema ta' tmigħ jew tisqija użata fi kwalunkwe mod ta' trasport għall-finijiet tat-trasport tal-annimali għandha tkun approvata mill-Kummissjoni.
	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49, tapprova s-sistemi ta' tmigħ u tisqija msemmija fil-paragrafu 1, dment li jkun hemm evidenza xjentifika u teknika li s-sistemi ta' tmigħ jew tisqija jippermettu li l-annimali abbord kollha jintemgħu, jiġu pprovduti ilma, ħalib jew sostituti tal-ħalib b'temperatura li taqbel mat-temperatura tal-ġisem u fil-livell xieraq ta' iġjene.

Or. en

Emenda 1784
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-vjaġġi bit-triq lejn u minn bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ***u bastimenti ro-ro*** għat-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi	Il-vjaġġi bit-triq lejn u minn bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar u fniek domestiċi

Or. en

Emenda 1785
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-vjaġġi bit-triq lejn u minn bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem u bastimenti ro-ro għat-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar ***u*** fniek ***domestiċi***	Il-vjaġġi bit-triq lejn u minn bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem u bastimenti ro-ro għat-trasport ta' annimali terrestri għajr għasafar domestiċi, fniek ***u speċijiet ta' għasafar tal-kaċċa***

Or. en

Emenda 1786
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti,	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti,

għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. ***L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.***

għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-aħħar annimal*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija.

Or. en

Emenda 1787
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. ***L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment*** sal-mument li ***l-ewwel*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-ewwel annimal*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija sal-mument li ***l-aħħar*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 1788
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ

fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu ***mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija***. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu ***mit-tluq tal-mezz tat-trasport mill-azjenda***. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.
	Or. fr

Emenda 1789
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom ***jingħaddu mit-tagħbija*** tal-annimali ***fil-post*** tat-tluq ***l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan*** mill-port tat-tagħbija. ***L-għadd*** tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li ***l-aħħar annimal jitgħabba*** fuq il-bastiment ***sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt*** fil-port tal-wasla.	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi**,** li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom ***jiġu kkalkulati mit-tluq*** tal-annimali ***tal-post*** tat-tluq ***l-aktar imbiegħed*** mill-port tat-tagħbija. ***Il-kalkolu*** tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li ***l-ewwel vettura li ġġorr l-annimali titgħabba għal*** fuq il-bastiment ***sakemm l-aħħar vettura li ġġorr l-annimali tinħatt*** fil-port tal-wasla.
	Or. en

Emenda 1790
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. ***L-għadd*** tal-ħin tal-vjaġġ ***għandu jiġi sospiż*** mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija ***sal-post tal-wasla***. ***F'dan, il-parti*** tal-ħin tal-vjaġġ ***fuq il-baħar għandha tkun massimu ta' 48 siegħa li jibdew*** mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla. ***Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27(1)(b) dwar il-perjodi ta' mistrieħ għall-parti tal-vjaġġ bit-triq u bil-ferrovija.***

Or. en

Emenda 1791
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	(1) Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla. ***It-tieni sentenza ma tgħoddx għall-vjaġġi ta' annimali terrestri fuq bastimenti ro-ro***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-EFSA tqis l-istress tal-moviment bħala riskju kbir għall-annimali trasportati. Għalhekk, il-ħinijiet tat-trasport huma limitati u hemm bżonn ta' perjodi ta' mistrieħ. Bastimenti tat-tip ro-ro huma partikolarment problematiċi f'baħar imqalleb jew meta l-vetturi ma jkunux siguri biżżejjed. Riskji oħra jinkludu ħinijiet twal ta' stennija, kundizzjonijiet tat-temp estremi, u arja ħażina taħt il-gverta. Skont opinjoni xjentifika tal-EFSA, l-istress fuq il-baħar huwa mill-inqas daqs dak li wieħed jesperjenza fit-triq, u għalhekk anke f'dawn il-każijiet għandu jiġi rrispettat il-ħin massimu tat-trasport.

Emenda 1792
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal ***jitgħabba fuq il-bastiment*** sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-ewwel annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal ***jinħatt mill-vettura tat-trasport bit-triq*** sal-mument li l-ewwel annimal jinħatt fil-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 1793
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni

minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li ***l-aħħar*** annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li ***l-ewwel*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-ewwel annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li ***l-ewwel*** annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li ***l-aħħar*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 1794
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li ***l-ewwel*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.	1. Il-ħinijiet tal-vjaġġi għat-trasport ta' annimali terrestri minbarra għasafar u fniek domestiċi li jinkludu parti mill-vjaġġ fuq il-baħar fejn jiġu ttrasportati kunsinni minn postijiet ta' oriġini differenti, għandhom jingħaddu mit-tagħbija ***tal-ewwel annimali*** fil-post tat-tluq l-aktar imbiegħed f'ħin tas-sewqan mill-port tat-tagħbija. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-aħħar annimal jitgħabba fuq il-bastiment sal-mument li ***l-aħħar*** annimal jinħatt fil-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 1795
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1a. L-għadd tal-ħin tal-vjaġġ għandu jiġi sospiż mill-mument li l-ewwel annimal jinħatt mill-vettura tat-trasport bit-triq fuq il-bastiment sal-mument li l-aħħar annimal jinħatt fil-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 1796
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta l-partijiet ta' vjaġġ għat-trasport ta' annimali jsiru fuq il-baħar, dik il-parti tal-vjaġġ għandha dejjem titqies bħala parti mill-ħin tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 1797
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. It-trasport ta' annimali mhux miftumin minn bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

